CCT/89/14/S

Kevin Borg
Vs
Charichelon Company Limited

Illum 12 ta'Mejju,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Kevin Borgipprezentata fit-28 t'April,2014 u r-risposta tas-socjeta Charichelon Company Limited ipprezentata fit-30 ta'Mejju,2014;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u l-avukati taghhom kif ukoll ix-xhieda mressqa u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tat-3 ta'Marzu,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'booking' ta'lukanda f'Hamburg fil-Germanja li skont ir-rikorrenti, giet suggerita mill-impjegat tas-socjeta intimata filwaqt li skont din tal-ahhar, ir-rikorrenti talab 3 'star hotel' u inghatawlu zewg opzjonijiet. Ir-rikorrenti ilmenta dwar il-lukanda innifisha kif ukoll fejn din kienet tinsab;

Illi r-rikorrenti stqarr li l-ghazla tal-lukanda kienet f'idejn l-impjegat tas-socjeta intimata u skont l-istess rikorrenti, kien dan tal-ahhar li ssugerixxa l-lukanda 'Hotel Eleazar Novum';

Illi min-naha taghha, s-socjeta intimata insistiet fir-risposta taghha li kien ir-rikorrenti nnifsu li ghazel il-lukanda;

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem lil min jallega[1] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi inoltre dan l-artikolu, hemm ukoll l-artikolu 559 li jistipula li ghandha dejjem issir l-ahjar prova;

Illi Bjorn Vassallo xehed fis-seduta tal-15 ta'Jannar,2015 u stqarr li r-rikorrenti kien qallu li ma riedx jonfoq hafna. Huwa kkonferma wkoll li kif jaghmel dejjem, offra zewg opzjonijiet;

Illi fir-rigward tal-ilment dwar is-sit tal-lukanda, l-istess rikorrenti seta' facilment jaghmel ricerka hafifa fuq l-'internet' u ghalhekk ma jistax jippunta subajh unikament lejn l-impjegat;

Illi jinghad ukoll f'linji generali li meta konsumatur imur ghand socjeta biex jibbukkja lukanda, ghandu jinghata mhux biss is-servizz ta' "booking" (haga li ormai kulhadd jista' jaghmel wahdu permezz tal-'internet') izda parir u informazzjoni dwar il-lukanda u s-sit fejn tinsab. B'hekk ikun assigurat li l-konsumatur jaghmel ghazla infurmata fuq dak li jrid;

[1] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar,2011 fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg"

Illi jigi rilevat ukoll li l-prezz imhallas jirrifletti ukoll is-sit apparti kunsiderazzjonijiet ohra inkluz il-livell tal-lukanda;

Illi jinghad ukoll li r-rikorrenti ma pprezenta ebda rapport dwar xi incident li allegatament kellu ma' xi nies barra l-lukanda;

Illi naturalment incidenti jistghu isiru f'kull post inkluz fl-aqwa partijiet ta'belt;

Illi r-rikorrenti seta' jaghmel uzu minn numru ta'emergenza li tipprovdi s-socjeta intimata izda skont l-istess rikorrenti ma kienx jaf b'dan;

Illi r-rikorrenti kkonferma li huwa ilmenta mas-socjeta intimata wara li gie lura Malta u mhux waqt il-btala. It-Tribunal ihoss li kieku l-ilmenti kienu tant gravi, dawn kellhom jigu indirizzati lis-socjeta intimata mal-ewwel u mhux mal-wasla lura f'Malta;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Kevin Borg filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata Charichelon Company Limited, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru